# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 123/2010

## tal-10 ta’ Novembru 2010

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa ‘l quddiem imsejjah “il-Ftehim”, u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 108/2010 tal-1 ta’ Ottubru 2010 [1].

(2) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010 tas-6 ta’ April 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 66 l (ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII li jinsab mal-Ftehim:

“, kif emendat permezz ta’:

— **32010 R 0285**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010 tat-6 ta’ April 2010 (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 19).”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 285/2010 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-11 ta’ Novembru 2010, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta’ Novembru 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Stefán Haukur JÓHANNESSON

---

[1] ĠU L 332, 16.12.2010, p. 58.

[2] ĠU L 87, 7.4.2010, p. 19.

(*) Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.